*Din l-Omm li biha qalbi*
*Tinsab mimlija;*
*Li jiena ngħix għaliha*
*U hi għalija;*

*Din l-Omm li biex 'il qalbi*
*Fis-skiet infejjaq*
*Tkun hi li tqiegħed f'ħalqi*
*Il-ferħ u d-dwejjaq.*

*Inħoss li jiena binha*
*Din l-Omm qawwija*
*Li ftlok twelidt jien fiha*
*Hi twieldet fija.*

VINCENT CARUANA

## ATTITUDINI INTERROGATIVA. IL-MOĦĦ JOQGĦOD:

*Xafra doppja dubju jifridni mill-maħbuba*
*jqatta' lil-Jien il-Kbir is-sies ta' ruħi mejta*
*u mill-lenbija żmien, il-lembut iqattarli l-jiem*
*forma ta' misluta.*
*F'ġuf belliegħa jdamdmu l-mistoqsija.*

*Bil-ġilda tleqq u l-leħja mqaxxra sewwa*
*ma nafx se jberren f'rasi f'nofs mument,*
*se jkun leħħa ta' berqa jew tul etern tremend,*
*fis-soprannaturali?*
*Gismi jimxi waħdu, ħotba tiela' dahri.*

*Dan mhux staġun fl-infern,. din sena sħiħa*
*u forsi aktar minn hekk dan ma jmutx ġo fija*
*u forsi nibqa' doppju bil-jien u l-ieħor fejnu*
*f'diċ-ċkejkna kreatura?*
*Hawwel wild id-dnub, bomba l-ħaxixa.*

*Ħawħa faħma mħabbti u ġġant imgħaffeġ dini*
*b'thewdin id-dubju, saħħa f'qawwa mgħawġa*
*għamilni kif tarawni kobba mħabbla nervi, b'ġismi*
*forma ta' għaġuża.*
*Għajni barranija tħares fuq ta' ġewwa.*

*Issa trid tkun int maħbuba ta' bla dubju,*
*ħoll l-għoqda f'griżmi u aqla' għajni barra,*
*u Int Sidi Ħallieq li tajtni din il-virga*
*forma ta' salib,*
*għallimtni kif nissallab, għallimni kif nobdik.*

FRIN 52.

## IL-GĦENEB TAZ-ZIJA

*Kelli wieħed minn uliedi*
*Itaqtaqli ta' siwkit,*
*"Meta jsir l-għeneb taz-Zija,*
*Naqta' u niekol kemm irrid".*

*"Int fejn taf kemm għeneb għandha*
*"Pa! Xi ġmiel! U x'kull għanqud!*
*"Qishom linef dawk l-egħnieqed*
*"Sofor deh'b jew suwed tut!"*

*L-għeneb fl-aħħar waslet newbtu:*
*Beda jonfoħ, jimla, jsir.*
*Bdiet bih tgħajjat il-bejjiegħa.*
*Daqu l-għani u daqu l-fqir.*

*Saduttant ibni liz-Zija*
*Laħaq ra mhux darba u tnejn.*
*Imma tâmtu li din tieħdu*
*Magħha l-għalqa sfat fix-xejn.*

*"Għadu aħdar l-għeneb tagħna,"*
*Kienet tiġi tgħid id-dar,*
*Meta l-għeneb ta' ħaddieħor*
*Kien diġa' xaba' jisfar.*

*Wara Awissu ġie Settembru,*
*U sa x-xita tbexxex bdiet*
*"Erba' egħnieqed kollha marru!"*
*Tingħi għandna z-Zija ġiet.*

*Għar-Rużarju mbagħ'd Ottubru*
*Ra ġol-Knisja 'l-gabillott,*
*U minn hawn għal barra jpaċpa*
*Fuq għeleijel. ġwież u frott.*